# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 8 ta' Novembru, 2023

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 76/2022 ISB**

(1) **Landgate Limited (C-33921)**

(2) **Avantgarde Group Limited (C-37655)**

(3) **Noel Muscat K.I. 555747(M) għal kull interess**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Landgate Limited et**, intavolat fil-25 ta' Lulju 2022, li permezz tiegħu huma talbu lil-Qorti sabiex:-

1. *Tordna lir-Registratur intimat sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jerga' jiddahhal l-isem tas-socjeta` Piccola Rita Limited (C-37658) fir-registru tal-kumpanniji, b'dana li l-istess socjeta'*

*titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-registru;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattivi ghal tali inserzjoni ta' isem il-kumpannija Piccola Rita Limited (C-37658) fir-registru tal-kumpaniji;*
3. *Jaghti dawk id-direzzjonijiet u jaghti dawk l-ordnijiet kollha xierqa u opportuni ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 fir-rigward tas-socjeta` Piccola Rita Limited (C-37658).*

U dan wara huwa ppremettew:

1. *Illi s-socjetajiet Landgate Limited u Avantgarde Group Limited huma azzjonisti tal-kumpannija Piccola Rita Limited (C-37658) bl-indirizz 5, Hugh Hallet Street, Sliema fl-ishma ta' 99.01% u 0.99% rispettivament u dan skont kif jidher ahjar mill-Memorandum and Articles of Association tal-istess kumpannija, kopja annessa* ***Dok PC1.***
2. *Illi filwaqt li l-kumpannija Piccola Rita Limited kienet fil-process li tigi stralcjata volontarjament mis-socjetajiet rikorrenti u kien hemm Noel Muscat appuntat bhala likwidatur, ir-Registratur intimat qies il-kumpannija mitmuma skont l-Artikolu 325(3) tal-Kap 386 u ghadda sabiex ihassar l-isem tal-kumpannija Piccola Rita Limited minn fuq ir-registru b'effett mit-2 ta' Ottubru 2021 u dan kif jidher mill-estratt mill-website tal-MBR anness bhala* ***Dok PC2****.*
3. *Illi r-rikorrenti qeghdin jipprezentaw l-affidavit ta' David Borg, direttur ta' Landgate Limited, annessa bhala* ***Dok PC3****, sabiex jispjega l-fatti.*
4. *Illi s-socjetajiet rikorrenti hassew ruhhom aggravati bil-fatt li l-isem tal-kumpannija thassar minn fuq ir-Registru hekk kif, filwaqt li huma kienu fil-process li jistralcjaw il-kumpannija, kien ghad hemm diversi proprjetarjiet immobbli u drittijiet relatati appartjanenti lill-kumpannija Piccola Rita Limited li qatt ma gew ittrasferiti u/jew assenjati lilhom bhala azzjonisti tal-istess kumpannija.*

5. *Illi jigi spjegat li s-socjeta` Piccola Rita Limited kienet akkwistat fond numru 13, minghajr isem, Triq Sant'Elija, San Giljan liema fond kien gie akkwistat mill-kumpannija Piccola Rita Limited minghand Avantgarde Holdings Limited (C-27163) permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' datat 29 ta' Mejju 2008 (kopja annessa* ***Dok PC4****) .*

6. *Illi sussegwentement ghal dan l-akkwist, Piccola Rita Limited kienet waqqghet il-fond 13, Triq Sant'Elija, San Giljan u minflok giet zviluppata binja bl-isem ta' 'Piccola Rita' kompriza minn kumpless ta' garaxxijiet u car spaces fil-basement level u tlett box rooms internament immarkata bl-ittri A, B u C, zewg maisonettes fl-ewwel sular (groundfloor level), blokka ta' sitt appartamenti internament immarkata bin-numri 3 sa 8 u penthouse internament immarkata bin-numru 9.*

7. *Illi r-rikorrenti qeghdin jipprezentaw skeda markata* ***Dok PC4A*** *ghall-facilita` ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jispjegaw it-trasferimenti li saru u d-drittijiet rimanenti.*

8. *Illi diversi minn dawn l-immobbli gew mibjugha minn Piccola Rita Limited kif jirrizulta mid-dokumenti* ***Dok PC5 sa Dok PC14*** *inkluzi.*

    (i) *Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Thea Cachia datat 5 ta' April 2012 permezz ta' liema Piccola Rita Limited bieghet l-appartament internament immarkat bin-numru 4 (kopja annessa* ***Dok PC5****).*

    (ii) *Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa datat 31 ta' Lulju 2013 permezz ta' liema Piccola Rita Limited bieghet l-appartament internament immarkat bin-numru 3 (kopja annessa* ***Dok PC6).***

    (iii) *Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Roberto Bisazza datat 12 ta' Marzu 2012 permezz ta' liema Piccola Rita Limited bieghet il-mezzanin innumerat 51 gja 2, storeroom internament immarkata bl-ittra C u l-garaxx bin-numru intern 6 ilkoll formanti mill-binja bl-isem 'Piccola Rita' bhala soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' EUR 141 (kopja annessa* ***Dok PC7****). Illi dan ic-cens kien sussegwentement gie mifdi permezz ta'*

*kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Roberto Bisazza datat 27 ta' Awwissu 2019 (kopja annessa* ***Dok PC8****).*

*(iv) Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa datat 27 ta' Jannar 2012 permezz ta' liema Piccola Rita Limited bieghet l-appartament internament innumerat 6 fl-imsemmija Blokka bhala soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' EUR 116 (kopja annessa* ***Dok PC9****).* *Dan ic-cens infeda permezz ta' cedola ta' depozitu numru 2287/21 fit-3 ta' Dicembru 2021, kopja annessa* ***Dok PC10****, u filfatt ir-rikorrenti ghadhom ma setghux jizbankaw din ic-cedola stante li Piccola Rita Limited giet mhassra mir-Registru.*

*(v) Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Clarissa Cuschieri datat 13 ta' Awwissu 2012 permezz ta' liema Piccola Rita Limited bieghet il-penthouse internament numerata 9 minghajr l-arja relattiva taghha u l-car space internament innumerat 4 (kopja annessa* ***Dok PC11****).*

*(vi) Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel John Bugeja datat 3 ta' Ottubru 2012 permezz ta' liema Piccola Rita Limited bieghet l-appartament internament immarkat bin-numru 5 u l-garage space internament immarkat bin-numru 7 (kopja annessa* ***Dok PC12****).*

*(vii) Kuntratt fl-atti tan-Nutar Thea Cachia datat 17 ta' Ottubru 2012 permezz ta' liema Piccola Rita Limited bieghet il-car space internament immarkat bin-numru 5 (kopja annessa* ***Dok PC13)***

*(viii) Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Daniela Aquilina datat 20 ta' Gunju 2017 permezz ta' liema Piccola Rita Limited bieghet il-Box Room immarkata bl-ittra B formanti parti mill-kumpless ta' garaxxijiet tal-binja surreferita (kopja annessa* ***Dok PC14****).*

9. *Illi Piccola Rita Ltd ghalhekk ghad ghandha is-segwenti proprjetarjiet u drittijiet, kif jidher minn* ***Dok PC15 sa Dok PC17****:*

   a. *Id-dirett dominju perpetwu tal-groundfloor maisonette internament immarkat bin-numru 1 f'groundfloor level formanti parti mill-blokka bin-*

*numru 49, Triq Sant'Elija, San Giljan u dan stante li fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit datat 26 ta' Settembru 2013 hi imponiet cens annwu u perpetwu ta' EUR 120 fis-sena (kopja annessa* ***Dok PC15)****.*

b. *Id-dirett dominju perpetwu tal-appartament internament immarkat bin-numru 7 formanti parti mill-imsemmija Blokka u dan kif jirrizulta ahjar mill-kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri datat 3 ta' Jannar 2012 stante li Piccola Rita Ltd imponiet cens anwu u perpetwu ta' EUR 116 (kopja annessa* ***Dok PC16****).*

c. *Id-dirett dominju perpetwu tal-appartament internament immarkat bin-numru 8 formanti parti mill-blokka bin-numru 49, Triq Sant'Elija, San Giljan u dan skont kif jirrizulta ahjar mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela datat 27 ta' Frar 2012 stante li Piccola Rita Ltd imponiet cens anwu u perpetwu ta' EUR 120 (kopja annessa* ***Dok PC17****).*

d. *Il-garaxxijiet internament immarkati bin-numri 1, 2 u 3 formanti parti mill-kumpless ta' garaxxijiet sottostanti ghall-blokka surreferita (inkluz sehemhom mill-partijiet komuni u drittijiet relatati), stante li dawn qatt ma gew mibjugha*

e. *Il-Boxroom (u/jew storeroom) internament immarkata bl-ittra A formanti parti mill-istess blokka (inkluz sehemu mill-partijiet komuni u drittijiet relatati), stante li dan qatt ma gie mibjugh*

f. *Il-partijiet komuni tal-binja bl-isem Piccola Rita fi Triq Sant' Elija, San Giljan inkluz dawk tal-blokka surreferita (inkluz l-indana tat-tarag u l-lif) u tal-kumpless tal-garaxxijiet sottostanti l-imsemmija blokka, liema partijiet komuni gew eskluzi mill-kuntratti ta' bejgh imsemmija izda huma soggetti ghad-drittijiet ta' uzu tal-units rispettivi*

g. *Il-bejt u l-arja tal-binja Piccola Rita fi Triq Sant' Elija, San Giljan imsemmija, stante li din giet rizervata favur Piccola Rita Limited fil-bejgh tal-penthouse, liema bejt u arja hija soggetta ghal kwalunkwe drittijiet li jirrizultaw mill-kuntratti imsemmija kif ukoll tgawdi d-drittijiet kollha li jirrizultaw mill-kuntratti u li jistghu jirrizultaw skont il-ligi, inkluz li jigu zviluppati u jigu estizi l-partijiet komuni.*

10. *Illi ghalhekk mis-suespost jirrizulta b'mod car li Piccola Rita Limited kien ghad ghandha proprjetajiet u drittijiet relatati li ma gewx trasferiti a favur l-azzjonisti tas-socjeta' Piccola Rita Limited u dan bi hsara u pregudizzju ghas-socjetajiet rikorrenti, bhala azzjonisti tal-istess kumpannija.*

11. *Illi dan oltre li Piccola Rita Limited ghandha wkoll d-dritt li jizbanka c-cedola ta' depozitu u kontestwali fidi ta' cens imsemmija 2287/21, u d-dritt li tercievi c-cnus fuq il-proprjetajiet fuq imsemmija (inkluz kwalunkwe arretrati dovuti).*

12. *Illi ghalhekk hemm l-htiega sabiex l-isem tal-kumpannija jerga' jidhol fir-registru u l-kumpannija titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, sabiex b'hekk ikun jista' jsir it-trasferiment tal-imsemmija mmobbli u drittijiet relatati favur l-azzjonisti.*

13. *Illi skont l-Artikolu 325(4) tal-Kap 386, meta kumpannija tkun thassret minn fuq ir-registru kull persuna interessata bhalma huma s-socjetajiet rikorrenti tkun tista' titlob lill-Qorti sabiex tordna li l-isem tal-kumpannija jigi restwitwit fuq ir-registru u titqies daqslikieku isimha qatt ma kien thassar filwaqt li tpoggi l-kumpannija u l-persuna l-ohra kollha fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun vicin li kieku l-isem tal-kumpannija ma kienx thassar.*

14. *Illi jigi rilevat ghal kull bwon fini li l-likwidatur Noel Muscat ghalkemm parti f'dawn il-proceduri ghal kull interess, illum ghandha eta` u ghalhekk ikun ahjar li jitqabbad likwidatur iehor sabiex ikompli u jiffinalizza l-likwidazzjoni tal-kumpannija.*

15. *Illi ghalhekk kellha ssir il-kawza odjerna.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (DOK PC 1 sa DOK PC 17);

Rat **id-digriet** tagħha tas-27 ta' Lulju 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2022 fid-09:30a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat **<u>in-nota</u>** tas-socjeta' rikorrenti tal-10 ta' Awissu 2022.

Rat illi fis-6 ta' Settembru 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **<u>ir-risposta</u>** tiegħu (fol 234) bid-dokumenti hemmekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpanija **Piccola Rita Limited** (**C 37698**) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-22 ta' Diċembru 2005;*
>
> *Illi il-kumpanija daħħlet id-dokumentazzjoni dwar xoljiment tal-kumpanija u kif ukoll id-dikjarazzjoni dwar solvenza datati l-1 ta' Jannar 2016;*
>
> *Illi wara li ġew sottomessi dawn id-dokumenti, il-kumpanija qatt ma kompliet billi iddaħħal id-dokumentazzjoni ta' stralċ tal-kumpanija biex b'hekk il-kumpanija setgħet tingħalaq definittivament;*
>
> *Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala **Dok. 'A'** l-ittri u l-pubblikazzjonijiet maħruġa mir-Reġistratur) biex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq il-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*
>
> *Illi l- avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq l-indirizz 'Piccola Rita Limited, No.5, Hughes Hallet Street, Sliema, Malta, fit-2 ta' Lulju 2021;*
>
> *Illi f'din l-ittra il- kumpanija ġiet infurmata illi l-kumpanija kienet ilha fi stat ta' xoljiment għall-perjodu twil u l-kontijiet tal- likwidazzjoni flimkien mal- formula L4 baqgħu qatt ma ġew sottomessi. Għaldaqstant jekk il-kumpanija kienet se tibqa tonqos mill-obbligi*

*tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpaniji, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika;*

*Illi fit-2 ta' Lulju 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fl-4 ta' Ottubru 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fi żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż ta' tħassir u għalhekk għadhom fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi l-artikolu 325 jagħti żmien u l-opportunitajiet kollha lill-kumpaniji sabiex jirranġaw is-sitwazzjoni tagħhom u jerġgħu jaderixxu ma' dak li tirrikjedi l-liġi. Wara dan il-proċess kif imniżżel fl-artikolu 325(4), kumpanija li tkun imħassra tista' titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha bħallikieku isimha ma kienx imħassar. Iżda, dan ikun jista' jsir, jekk ikun hemm impenn sħiħ mir-rikorrenti sabiex jaraw li jitħallsu l-penali sostanzjali, jiġu sottomessi d-dokumenti kollha rikjesti mil-liġi u jimxu skont id-direttivi kollha tar-Reġistratur. Huwa f'dak l-istadju biss li l-Qorti mbagħad tordna li l-ismijiet tal-kumpaniji jerġgħu jidħlu fir-Reġistru tal-Kumpaniji;*

*Għaldaqstant r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni;*

*Illi fil-każ odjern, il-kumpanija m'għandha l-ebda penali pendenti, għajr dawk li għad iridu jiġu ikkalkulati kemm il-darba terġa titpoġġa fil-kotba tal-kumpaniji, u għaldaqstant f' dak il-każ il-formoli L4 li baqgħu pendenti u li għaldaqstant għandhom penali li qed jibqgħu jakkumulaw sad-data tas-sottomissjoni tagħhom mar-Reġistratur tal-Kumpaniji;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tissolleva li hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit;*

*Bl-ispejjeż;*

Rat illi tul il-kors tal-proceduri kien jidher evidenti illi r-rikorrenti riedu jirregolarizzaw il-pendenzi illi s-socjeta' **Piccola Rita Limited (C-37658)** kellha mar-Registratur intimat bil-ghan illi ma jkunx hemm diffikultajiet illi din il-Qorti takkorda t-talbiet, u fil-fatt, fl-udjenza tal-5 ta' Gunju 2023, il-Qorti giet mgharrfa illi l-pendenzi kollha kienu gew regolarizzati u bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghal provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti qed jitlobu illi s-socjeta' **Piccola Rita Limited (C-37658)** terga' titpogga

fuq ir-Registru wara illi tnehhiet mir-Registratur intimat nhar l-4 ta’ Ottubru 2021.

Illi s-socjetajiet rikorrenti huma azzjonisti fil-kumpanija **Piccola Rita Limited (C-37658)**, filwaqt illi r-rikorrent Noel Muscat, li huwa awditur, kien tqabbad sabiex jibda’ l-process ta’ likwidazzjoni tal-istess kumpannnija qabel ma din tnehhiet minn fuq ir-Registru.

Illi, f’dan il-kuntest, ir-rikorrenti ghandhom kull interess illi l-istess kumpannija terġa’ titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji anke ghaliex hemm proprjeta’ immobbli fuq isem il-kumpannija illi ma jixtiequx illi tintilef.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali. Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta’ Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta’ dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista’, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa’ jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa’ jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta’ kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista’ bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista’ jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f’gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-*

*ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat. M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija **Piccola Rita Limited (C-37658)** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Issa mill-affidavit ta' David Borg, direttur fis-socjeta' Landgate Limited li minn naha taghha ghandu 99.01% tal-ismha fil-kumpannija **Piccola Rita Limited (C-37658)**, jirrizulta illi din il-kumpannija kienet inkorporata ghall-izvilupp ta' progett ta' bini f'San Giljan, u filwaqt illi hija bieghet numru mill-ambjenti illi zviluppat, b'dana kollu kien ghad fadal numru ta' ambjenti, proprjetjiet u drittijiet proprjetarji ohra illi kienu ghadhom fuq isimha. Jispjega illi peress illi l-progett kien tlesta, kien fadal biss ftit proprjetajiet u kienet qed tintuza l-aktar biex tigbor ic-cens, hu kien ta struzzjonijiet biex jibda' l-process tal-istralc taghha peress illi ma kienx vijabbli illi tinzamm il-kumpannija ghalhekk.
Jispjega illi r-rikorrenti Noel Muscat kien anke appuntat likwidatur u filkors ta' dan il-process, huma saru jafu illi l-kumpannija tnehhiet minn fuq ir-Registru. Jispjega illi ma jidhirx illi huma jew l-awdituri taghhom kienu rcevew xi avvizi minn ghand l-MBR, imma jibqa' l-fatt illi hassewhom aggravati bit-tnehhija u ghar-ragunijiet moghtija, jixtiequ illi l-kumpannija **Piccola Rita Limited (C-37658)** terga' titpogga fuq ir-Registru biex jitkompla l-process tal-likwidazzjoni taghha.

Id-dokumenti ppreżentati u d-dikjarazzjonijiet maghmula mid-difensuri tal-partijiet jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' tar-rikorrenti illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, il-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu gew regolarizzati.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum,

jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Piccola Rita Limited (C-37658)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Piccola Rita Limited (C-37658)**, jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi seta' nkorra biex ikancella u li ghad jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Piccola Rita Limited (C-37658)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tas-socjetajiet rikorrenti Landgate Limited u Avantgarde Group Limited.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**